**19 ta' Ġunju, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Domenico Abela ne.

*versus*

Saveria Abela

**Separazzjoni Personali — Digriet tas-Sekond'Awla — Abbandun — Nullità — Art. 48 u 44(2) tal-Kodiċi Ċivili**

*Huwa veru illi skond il-liġi ebda konjuġi ma jista' jagħmel kawża ta' separazzjoni personali quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kontenzjuża mingħajr qabel ma jkun ġie awtorizzat mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja; u din l-awtorizzazzjoni hi kondizzjoni preliminari essenzjali.*

*Imma fit-tentattiv li l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja tagħmel biex iġġib rikonċiljazzjoni bejn il-konjuġi qabel ma tagħti dik l-awtorizzazzjoni, hi ma tidħolx fil-valutazzjoni jew fis-sussistenza skond il-liġi tal-motivi addotti bħala raġuni għat-talba; tant li l-Qorti mhix mogħtija ebda dis-*

*krezzjoni għar-rifjut tal-awtorizzazzjoni, u din għandha tingħata dejjem, meta l-kelma tal-Qorti għar-rikonċiljazzjoni ma tiġix mismugħa.*

*Jekk it-talba fir-rikors għall-awtorizzazzjoni tkun bażata fuq l-abbandun ta' wieħed mill-konjuġi, u fil-fatt, meta sar ir-rikors, u meta ġiet mogħtija l-awtorizzazzjoni, l-abbandun ma kienx ilu sentejn jew aktar, l-awtorizzazzjoni hekk mogħtija mhix ineffikaċi, u mhix nulla ċ-ċitazzjoni għas-separazzjoni bażata fuq dik l-awtorizzazzjoni; u dan appuntu għaliex mhix funzjoni tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja li tivvaluta jew tistabbilixxi s-sussistenza o meno tal-motivi allegati, u l-iżball fl-indikazzjoni taż-żmien kemm kien ilu l-abbandun ma jneħħix il-fatt illi t-tentattiv tar-rikonċiljazzjoni ġie sperimentat (u dan hu li trid il-liġi). U dan apparti raġunijiet oħra, fosthom dik li, anki jekk l-abbandun ma jkunx ilu sentejn jew aktar, jista' jkun akkompanjat minn ċirkustanzi oħra ta' gravità li jirrenduh kawża ta' separazzjoni personali taħt titolu ieħor: u dawn huma kwistjonijiet li ma tidħolx fihom il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja adita għall-awtorizzazzjoni preliminari.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenuta insistentement irrifjutat għal sentejn sħaħ li tmur ma' żewġha li emigra u stabbilixxa ruħu f'Detroit, l-Amerika, talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni. (1) tiġi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-konvenuta u żewġha; (2) li l-konvenuta tiġi dikjarata dekaduta mid-drittijiet kontemplati fl-art. 56 tal-Kodiċi Ċivili in kwantu applikabbli għall-każ; (3) li l-kura tal-unika tifla komuni tiġi affidata lill-attur fl-imsemmija kwalità tiegħu, taħt dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha tagħti; (4) li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti tiġi dikjarata li spiċċat; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-15 ta' Ġunju 1955, li biha rrespinġiet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta, bl-ispejjeż kontra tagħha, u għall-finijiet tat-tieni eċċezzjoni

ordnat is-soprassessjoni tal-kawża, u tat żmien lill-istess konvenuta biex, jekk jidhrilha, tiddeduċi quddiem il-Qorti kompetenti l-azzjoni meħtieġa għad-dikjarazzjoni tan-nullità tal-imsemmi digriet, kif pretiż minnha;

Rat iċ-ċitazzjoni tal-konvenuta quddiem l-istess Qorti (diversament presjeduta), li biha mpunjat l-imsemmi digriet, u s-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Gunju 1956, li biha t-talba tal-konvenuta ġiet miċħuda, bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta, li biha opponiet li l-attur mhux persuna leġittima biex jagħmel il-kawża, billi l-awtorizzazjoni ottenuta mis-Sekond'Awla hija ineffikaċi, għaliex saret permezz ta' mandatarju, u mhux personalment, u għaliex din il-kawża ma tistax issir per mezz ta' mandatarju;

Rat il-kontro-eċċezzjoni tal-attur kontra din l-aħħar eċċezzjoni tal-konvenuta, li biha ssottometta illi dik l-eċ-ċezzjoni ġiet diġà deċiża bis-sentenza fuq imsemmija tas-16 ta' Gunju 1956;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-8 ta' Mejju 1957, li biha ġie ritenut illi l-kontro-eċċezzjoni tal-attur kienet timporta eċċezzjoni tal-ġudikat, u dik il-kontro-eċċezzjoni ġiet milqugħa, u konsegwentement ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-konvenuta; bl-ispejjeż kontra tagħha; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-eċċezzjoni fuq imsemmija tal-attur timporta eċ-ċezzjoni tal-ġudikat, għaliex minn b'difiża jsemmi sentenza maqtugħa qabel fuq l-istess ħaġa u bejn l-istess nies ikun b'daqshekk qiegħed jagħti l-eċċezzjoni tar-"res judicata" jew tal-"non bis in idem", għalkemm dawn il-kliem ma jsemmihomx (Vol. XXIX-II-31);

Ikkunsidrat, rigward l-eċċezzjoni tal-ġudikat opposta mill-attur nomine għall-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuta;

Illi, biex din l-eċċezzjoni tkun tista' tiftiehem aħjar, jiġu rijepilogati l-fatti li taw lok għaliha. Fl-ewwel nota ta' eċċezzjonijiet tagħha l-konvenuta eċċepiet illi l-awtorizzaz-

zjoni ottenuta mill-attur nomine mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti bid-digriet fuq imsemmi mhix valida, billi l-ispirtu u l-iskop tal-art. 43 tal-Kodiċi Ċivili jissuġġerixxu li l-komparizzjoni għall-fini tar-rikonċiljazzoni għandha ssir mill-miżżewġin personalment. Għall-finijiet ta' din l-eċċezzjoni, bid-deċiżjoni ġa msemmija tal-15 ta' Ġunju 1955, din il-Qorti ordnat is-soprassessjoni f'din il-kawża, u, kif ingħad, ipprefiġġiet żmien lill-konvenuta biex tiddeduċi quddiem il-Qorti kompetenti l-azzjoni meħtieġa għad-dikjarazzjoni tal-invalidità, kif pretiż minnha, tad-digriet fuq imsemmi mogħti mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti. B'ċitazzjoni numru 456/55 il-konvenuta ddeduċiet dik il-pretensjoni quddiem din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Saveria Abela vs. Domenico Abela ne."; liema kawża ġiet deċiża fis-16 ta' Ġunju 1956, b'eżitu sfavorevoli għall-konvenuta;

Illi, biex tkun tista' tiġi akkolta l-eċċezzjoni tal-ġudikat sollevata mill-attur, jeħtieġ li jiġi stabbilit li s-sentenza fuq imsemmija tas-16 ta' Ġunju 1956 ġiet maqtugħa f'kawża bejn l-istess persuni li huma l-partijiet f'din il-kawża, u li kellha bħala oġġett u kawżali dawk stess derivanti mill-eċċezzjoni ulterjuri mogħtija f'din il-kawża mill-konvenuta;

Illi ma hemmx dubju li l-ewwel rekwiżit jikkonkorri, għaliex f'dik il-kawża kienu jiffiguraw bħala partijiet l-istess persuni li qegħdin jiffiguraw bħala partijiet f'din il-kawża;

Illi t-tieni u t-tielet rekwiżiti, li jiġu meħudin flimkien, jikkonkorru wkoll. Verament, l-oġġett tal-kawża l-oħra kien id-dek'aratorja tal-invalidità u nullità tal-awtorizzazzjoni mogħtija lill-attur mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti u tad-digriet fuq riferit għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, fuq il-kawżali, fost oħrajn, li t-talba għal dik l-awtorizzazzjoni ġaret minn persuna illeġittima, ċjoè minn mandatarju ta' persuna msiefra, u mhux minn din l-aħħar persuna personalment, u l-ispiritu u l-iskop tal-liġi jissuġġerixxu li l-komparizzjoni għall-fini tat-tentattiv ta' rikonċiljazzjoni li tagħmel il-Qorti qabel ma tagħti dik l-awtorizzazzjoni għandha

ssir mill-miżżewġin personalment, u hu dritt esklużiv personali tal-miżżewġin li ma jistax jiġi delegat lil ħaddieħor. L-oġġett tal-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuta hu dak li l-attur mhuwiex persuna leġittima biex jagħmel din il-kawża, fuq il-kawżali li l-awtorizzazzjoni ottenuta mis-Sekond'-Awla ta' din il-Qorti hi ineffikaċi għaliex saret permezz ta' mandatarju, u mhux personalment, u kawża bħal din ma tistax issir permezz ta' mandatarju;

*Illi*, għalkemm apparentement l-oġġett tal-eċċezzjoni ulterjuri hu divers, dak ċjoè jekk l-attur setgħax jiġi awtorizzat mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti jagħmel din il-kawża, u kwindi jekk jistax jagħmilha meta huwa biss mandatarju tar-raġel tal-konvenuta, u kawża bħal din għandha ssir mill-persuna miżżewġa personalment u mhux permezz ta' mandatarju, imma l-punt hekk kontrovers, għalkemm ma ġiex riżolut jew inkluż fid-dispożittiv tas-sentenza fil-kawża ġa msemmija, u taħt l-aspett, għalhekk, ma jistax jiġi kunsidrat li ġie deċiż minn din il-Qorti b'dik is-sentenza, kien però inxindibbilment marbut fil-punt riżolut li għandu jiġi nterpretat għat-tenur ta' dak il-punt; u taħt dan l-aspett jista' jingħad li l-oġġett tal-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuta ġa ġie riżolut u deċiż bis-sentenza fuq imsemmija tas-16 ta' Ġunju 1956 (ara App. 10.12.56 "Assunta Cassar vs. Avukat Dr. Carmelo Zammit ne.");

Illi għalhekk jikkonkorru t-tliet rekwiżiti li huma meħtieġa biex tkun tista' tingħata b'suċċess l-eċċezzjoni tal-ġudikat mill-attur għall-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuta;

Rat is-sentenza tal-istess Qorti tad-19 ta' Frar 1959, li biha ddeċidiet billi, prevju r-riġett tal-imsemmija eċċezzjoni tal-konvenuta u tat-talbiet minnha avanzati bir-rikors tat-12 ta' Frar 1959, bl-ispejjeż kontra tagħha (1) laqgħet l-ewwel domanda, u ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-konvenuta u żewġha John Abela minħabba abbandun tal-konvenuta; (2) laqgħet it-tieni domanda, u ddikjarat lill-konvenuta dekaduta għal kollox mid-drittijiet kontemplati fl-art. 56(b) u (d) tal-Kodiċi Ċivili, u dawk kontemplati fl-art. 56(c) tal-istess Kodiċi, imma dawn tal-aħħar mid-data ta' dik is-sentenza; (3) ipprovdiet fuq it-

tielet domanda billi ordnat li Grazia sive Grace Abela, it-tifla tal-kontendenti, tiġi kollokata fl-Istitut Creche tas-Sorijiet Orsolini ta' tas-Sliema, a spejjeż tal-attur, salvi l-provvedimenti msemmija li jistgħu jingħataw aktar il-quddiem; (4) u laqgħet ir-raba' domanda u ddikjarat li l-komunjoni tal-akkwisti spiċċat għaż-żewġ kontendenti mid-data ta' dik is-sentenza. L-ispejjeż tal-ewwel domanda tħallashom kollha l-konvenuta; dawk tad-domandi l-oħra u dawk riżervati bid-digriet tal-25 ta' Novembru 1958, jitħallsu kwantu għal terz mill-attur nomine u kwantu għal żewġ terzi mill-konvenuta; l-ispejjeż riżervati bid-deċiżjoni tal-15 ta' Ġunju 1955 tħallashom il-konvenuta; wara li kkunsidrat;

Illi wara li l-kawża kienet ġa ġiet differita għas-sentenza, u ġiet rijappuntata sempliċement biex tingħata l-opportunità li l-kawża tiġi definittivament trattata mill-konsulent legali tagħha, li għal aktar minn darba kien naqas li jidher għal din it-trattazzjoni, il-konvenuta eċċepiet ulterjorment li ċ-ċitazzjoni hi nulla, peress li l-lista tax-xhieda mhix firmata minn prokuratur legali skond il-liġi, u b'rikors tat-12 ta' Frar 1959 hija talbet li, għall-każ li din l-eċċezzjoni tiġi respinta, din il-Qorti tordna l-isfilz mill-proċess tax-xhieda kollha prodotti mill-attur nomine għaliex dik il-lista hi ineżistenti għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, jew li, fi kwalunkwe każ, din il-Qorti tordna l-isfilz mill-proċess tad-depożizzjonijiet mogħtija minn Carmelo Psaila, Carmela Abela u l-attur John Abela, għaliex dawn ma ġewx indikati bħala xhieda fl-imsemmija lista;

Ikkunsidrat, dwar din l-eċċezzjoni;

Illi skond l-art. 155 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-attur maċ-ċitazzjoni għandu jġib id-dokumenti meħtieġa biex isostni t-talba, u jippreżenta dikjarazzjoni li jkun fiha miġjuba l-fattijiet tal-kawża; huwa għandu wkoll jagħti l-ismijiet tax-xhieda li jkun bi ħsiebu jġib fil-kawża. L-attur nomine uniforma ruħu ma' dan kollu li trid il-liġi, billi maċ-ċitazzjoni ġieb id-dokumenti u ppreżenta d-dikjarazzjoni msemmijin; huwa wkoll ta l-ismijiet tax-xhieda. Għalhekk ma jistax jingħad li ċ-ċitazzjoni hi nulla għal xi nuqqas ta' produzzjoni da parti tal-attur nomine ta' xi ħaġa li trid il-

liġi. Il-konvenuta tissottometti li, billi l-lista tax-xhieda mhix firmata minn prokuratur legali, l-istess qiesha mhix prodotta u għandha tiġi kunsidrata bħala ineżistenti, u kwindi l-attur nomine ma setgħax jipproduċi ebda wieħed mix-xhieda ndikati fl-istess lista. Il-liġi, però, meta timponi li l-attur għandu jagħti l-ismijiet tax-xhieda, ma tgħidx li dawn l-ismijiet għandhom jiġu mogħtija mill-attur permezz ta' nota jew ta' xi skrittura, li fil-każ tkun trid tiġi firmata, jekk mhux preżentata mill-attur stess, oltre minn avukat, anki minn prokuratur legali, skond l-art. 178 tal-Kodiċi msemmi, anzi turi li dawn l-imsijiet għandhom jiġu mogħtija fid-dikjarazzjoni, kif hu dispost fl-art. 155(5) tal-istess Kodiċi. Għalhekk ma kienetx meħtieġa firma ta' prokuratur legali f'dik il-lista tax-xhieda. L-attur nomine ta, kif kellu jagħti, l-ismijiet tax-xhieda fid-dikjarazzjoni, u din id-dikjarazzjoni hi debitament firmata anki minn prokuratur legali. Konsegwentement, l-eċċezzjoni tal-konvenuta li ċ-ċitazzjoni hi nulla, u t-talba tagħha għall-isfilz tad-depożizzjonijiet mogħtija mix-xhieda kollha fiha ndikati, ma jiġux milqugħa;

Similment ma tiġix milqugħa t-talba tal-konvenuta li d-depożizzjonijiet mogħtija minn Carmelo Psaila, Carmela Abela u l-attur John Abela, jiġu sfilzati mill-proċess għaliex dawn ix-xhieda ma ġewx dikjarati fil-lista msemmija. Infatti, ix-xhieda Carmelo Psaila u Carmela Abela ġew prodotti bil-permess tal-Qorti; l-ewwel xhud biex tiġi verifikata l-kwistjoni jekk hux veru li l-konvenuta, meta żewġha ġie Malta, riedet, kif hija tallega, tirrikonċilja ruħha miegħu, u x-xhud l-oħra in konnessjoni mad-digriet mogħti minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju 1958. In kwantu għal John Abela, dan evidentement, bħala attur, meta ġie Malta u assuma l-atti tal-kawża f'ismu proprju, kellu d-dritt kollu li jixhed; anzi l-attur, fil-21 ta' Mejju 1958, xehed b'rikjesta tal-konvenuta, għalkemm ma ġiex minnha ndikat fil-lista tax-xhieda tagħha;

Ikkunsidrat, fil-meritu;

Illi l-kontendenti żżewġu xi sebgħa snin ilu, u għandhom tifla jisimha Grace, li l-lum għandha xi sitt snin. Huma damu flimkien hawn Malta xi tliettax il-xahar meta

mbgħad l-attur siefer, billi emigra u mar l-Amerika biex jimmiljora l-pożizzjoni finanzjarja tal-familja. L-attur jgħid, mhux kontraddett mill-konvenuta, li qabel ma ddeċieda li jemigra, huwa staqsa lill-martu jekk kienetx trid tmur ħdejh meta huwa jibgħat għaliha, għaliex diversament huwa ma kienx imur, u li l-konvenuta kienet qaltlu li kienet trid. Għalhekk huwa siefer u stabbilixxa ruħu f'Detroit, fejn impjega ruħu; u minn hemm beda jibgħat il-flus lill-martu, għaliha u għal binthom Grace, u fl-istess ħin beda wkoll jagħmel il-pratiki meħtieġa biex martu tkun tista' tmur ħdejh flimkien ma' binthom. Meta lesta kollox, huwa bagħat jgħid lill-konvenuta biex tmur ħdejh. Il-konvenuta għall-ewwel ma kienet tirrispondieh xejn, u mbgħad, fuq insistenzi tiegħu, hija bagħtet tgħidlu li ma riedetx issegwieh. Ir-raġuni tar-rifjut tagħha għall-ewwel kienet li hija kienet tibża mill-baħar, mbgħad għaliex kienet tirrovina l-għamara, billi kienet tkun trid tbiegħha, u fl-aħħar għaliex ma kienetx trid tħalli lill-ommha weħedha. Aktar wara, meta huwa kien ilu aktar minn sentejn li telaq minn Malta, l-attur reġa nsista ma' martu biex tmur ħdejh, imma hija rritornatlu l-karti kollha li kien bagħtilha, ċjoè dawk rigwardanti l-passaġġ u l-"accomodation", u li bihom uriha li kellha kollox lest għal meta tasal ħdejh. Il-konvenuta b'hekk uriet ċar li ma kienetx trid issegwieh. Hija lanqas ma rrispondiet għall-interpellazzjoni uffiċjali li l-attur għamlilha biex hija tmur ħdejh. Għalhekk l-attur ġie b'din il-kawża;

Illi mill-premess jirriżulta li l-motiv tal-abbandun dedott mill-attur bħala raġuni għas-separazzjoni personali minnu mitlub hu ġustifikat. Infatti, biex l-abbandun jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni personali, hemm bżonn li jdum għal sentejn jew aktar, u li jkun volontarju, ċjoè jkun sar bla ġusta kawża, jew bl-intenzjoni, mingħajr ġusta kawża, li wieħed mill-konjuġi ma jkunx irid jirrijunixxi ruħu mal-konjuġi l-ieħor abbandunat (art. 48 Kap. 23; Vol. XXXIII-II-450; Dig. Ital. voce "Abbandono dei Coniugi). Rigward iż-żmien ma hemmx ebda kwistjoni; u ma jirriżultax li l-konvenuta kellha raġuni valida biex ma tmurx tgħix ma' żewġha l-Amerika, fejn huwa emigra bil-kunsens tagħha u persważ minnha, qabel mar hemmhekk, li hija tmur ħdejh meta jibgħat għaliha;

Illi l-konvenuta xehdet li hija kienet ġustifikata li ma ssegwix lill-żewġha għaliex dan irrenda ruħu ħati lejha ta' adulterju, minaċċi, sevizji, eċċessi u nġurji gravi. Il-konvenuta, però, ma rnexxielhiex tipprova b'sodisfazzjon tal-Qorti ebda wieħed minn dawn l-addebiti li ġiebet il-quddiem kontra l-attur żewġha. L-attur innega għal kollox dawk l-addebiti, u x-xhieda, fosthom dawk prodotti minnha, innegaw ukoll xi fatti li l-konvenuta xehdet . . . . . Fi kliem ieħor, il-konvenuta baqgħet bl-*intenzjoni li ma tridx tirrijunixxi ruħha mal-attur*, u dan mingħajr raġuni ġusta;

Illi l-konvenuta ġiebet provi li l-attur żewġha, fiż-żmien li kien hawn Malta dan l-aħħar, jiġifieri fil-*mori* tal-kawża, ġieb avviż fil-"Berqa" li huwa ma jagħmelx tajjeb għaddejn li hija tista tagħmel; il-konvenuta xehdet ukoll li l-attur naqas li juniforma ruħu, għalkemm mhux għal kollox, mal-ordni ta' din il-Qorti mogħti b'digriet tal-25 ta' Novembru 1958, ċjoè li jissomministralha l-alimenti fil-pendenza tal-kawża. L-ewwel ċirkustanza *ma tikkostitwix* inġurja fis-sens legali (Laurent, Diritto Civile, Vol. III, para. 191). B'analoġija mbgħad għal dak li rriteniet din il-Qorti fis-16 ta' *Novembru* 1932 in re "Attard utrinque", ċjoè "*L'avere il convenuto durante* le more del *giudizio fatto* opposizione ad un aumento della pensione accordata all'attrice per gli alimenti provvisori non può considerarsi una sevizia che possa costituire un motivo per l'accoglimento della domanda di separazione", it-tieni ċirkustanza ma tidherx li tista' tiġi kunsidrata li tikkostitwixxi sevizja. Del resto, kif irriteniet din il-Qorti fl-imsemmija sentenza, "per regola, i fatti che intitolano l'un coniuge a domandare le separazione personale contro l'altro coniuge devono precedere l'*istanza*";

Ċirkustanza oħra ġiet rilevata mill-konvenuta. Fl-udjenza tat-12 ta' Frar 1959 il-konvenuta talbet li l-kawża ma tiġix deċiża fil-meritu qabel ma jirriżulta x'inhi n-natura tal-kawża li l-attur fetaħ l-Amerika u li fuqha eżibiet xi dokumenti (fol. 181/184); u b'rikors taż-17 tal-istess xahar, fil-waqt li eżibiet dokumenti oħra li *minnhom jirriżulta* li l-attur qiegħed jitlob id-divorzju minn magħha f'Qorti fl-Amerika minħabba deżerzjoni tagħha, issottomettiet li b'din it-talba tiegħu l-attur irrenda ruħu ħati lejha ta' nġur-

ja gravissima, u li għalhekk id-domandi tiegħu f'din il-kawża, anki jekk hemm xi raġuni li ssostnihom, għandhom jiġu respinti; u talbet li għall-bżonn il-prolazzjoni tas-sentenza tiġi sospiża. Rigward daqshekk ma jistax jingħad li, billi l-attur, fil-mori ta' din il-kawża, intenta kawża oħra kontra l-konvenuta fil-Qorti msemmija għad-divorzju, huwa ġie li nġurja lill-konvenuta. Il-proċeduri tad-divorzju li ntenta l-attur din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tieħu konsiderazzjoni tagħhom, għaliex l-istess ma għandhom ebda valur f'dawn il-Gżejjer (Vol. XXV-I-636); biss, jekk l-attur ikompli l-kawża minnu ntentata u jottjeni sentenza ta' divorzju, u jerġa jiżżewweġ, u t-tieni żwieġ jiġi konsumat, huwa jirrendi ruħu ħati ta' adulterju di fronti għall-konvenuta, u b'hekk huwa jilleġittima t-talba tal-konvenuta għas-separazzjoni personali (XXXVI-II-397). B'dan kollu, billi, kif kompliet tirritjeni din il-Qorti fl-imsemmija sentenza, "in dottrina da sommi scrittori si ritiene che anche il fatto sopraggiunto durante il procedimento possa costituire un motivo per giustificare la Corte ad accogliere le domande, anche quando il fatto sorgesse nel procedimento medesimo", din il-Qorti tieħu d-debita konsiderazzjoni tal-imsemmija ċirkustanza fid-deċiżjoni rigward it-tieni, it-tielet u r-raba' domanda dedotti fiċ-ċitazzjoni. Għal dan l-iskop li Qorti tieħu wkoll konsiderazzjoni taċ-ċirkustanza li l-attur, minn meta sar jaf definittivament li l-konvenuta ma kienetx trid issegwieh fl-Amerika, ma bagħtilhiex aktar flus;

Illi l-attur qiegħed jitlob li l-konvenuta tiġi dikjarata dekaduta mid-drittijiet kontemplati fl-art. 56 tal-Kodiċi Ċivili in kwantu applikabbli għall-każ, kif ukoll li l-komunjoni tal-akkwisti bejnu u l-konvenuta tiġi dikjarata li spiċċat. Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ġunju 1938 in re "Borg utrinque", mentri l-leġislatur ikkommina l-effetti tas-separazzjoni personali miġjuba fid-dispożizzjonijiet tal-art. 56, 57 u 59 tal-Kodiċi Ċivili, fil-każ tal-motiv gravi u serju tal-adulterju tar-raġel jew tal-mara, ħalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti l-applikazzjoni ta' dawk il-pieni fil-każijiet ta' eċċessi, sevizji u nġurji gravi, u fil-każ ta' abbandun. U dan hu wisq raġjonevoli; għaliex jista' jkun hemm każi li jkollhom bażi għal separazzjoni personali, iżda ma jkunx ta' gravita' hekk kbira li jiġġustifikaw l-

applikazzjoni ta' dawk il-provvedimenti. Fil-każ in ispeċje, ma jistax ma jingħadx li l-konvenuta ġiebet ruħha mal-attur żewġha b'kefrija morali, meta mingħajr raġuni ġusta rrifjutat li ssegwieh fl-Amerika, fejn huwa mar bil-kunsens tagħha stess biex jimmiljora l-pożizzjoni finanzjarja tal-familja, u kwindi anki tagħha u ta' binthom, u kien persważ minnha li kellha ssegwieh; hija ħallietu jgħix waħdu, u pprivatu mill-affezzjoni ta' bintu, u kwindi kasbret issentimenti tiegħu. Dawn il-fatti, però, jekk bħala moħqrija morali jiġġustifikaw is-separazzjoni personali, mhumiex biżżejjed, anki b'konsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi fuq imsemmijin, biex jiġġustifikaw l-applikazzjoni tal-effetti kollha stabbiliti fid-dispożizzjonijiet tal-liġi ġa ndikati, imma, fil-fehma ta' din il-Qorti, jiġġustifikaw id-dekadenza tal-konvenuta mid-drittijiet kontemplati fl-art. 56(b) u (d) tal-Kodiċi Ċivili, kif ukoll mid-dritt kontemplat fl-art. 56(c) tal-istess Kodiċi, imma mid-data tas-sentenza. Jiġi wkoll dikjarat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti mill-istess data, u għaż-żewġ kontendenti;

Illi l-attur qiegħed jitlob ukoll li l-kura tat-tifla tiegħu Grazia tiġi fdata lilu. Skond l-art. 68(1) tal-Kodiċi msemmi, it-tfal jiġu mogħtija f'idejn il-parti li fuq talba tagħha tkun ġiet mogħtija l-firda, jekk il-Qorti, fis-sentenza tal-firda jew b'deċiżjoni oħra, ma tkunx ordnat xort'oħra għall-aħjar tal-ulied innfishom . . . . Fil-ħsieb ta' din il-Qorti mhux fl-interess tal-istess tifla li hija tibqa' tiġi fdata lil l-konvenuta ommha. Infatti, fl-ambjent fejn tinsab l-istess tifla mhix qegħdha tiġi mrobbija tajjeb . . . . . . L-istess tifla, però, lanqas ma jidher li għandha tiġi fdata lill-attur . . . . . Għalhekk l-istess Grazia, it-tifla tal-kontendenti, għandha tiġi kollokata fl-Istitut Creche tas-Sorijiet Orsolini ta' tas-Sliema, b'kura tal-attur missierha, salv kull provvediment ieħor li jista' jingħata aktar il-quddiem fuq talba ta' min ikollu nteress għall-aħjar vantaġġ tal-istess tifla;

Rat in-nota li biha l-konvenuta appellat mis-sentenza fuq imsemmija tat-8 ta' Mejju 1957 u mis-sentenza tad-19 ta' Frar 1959, limitatament għall-kapi ndikati fin-nota, u rat il-petizzjoni tagħha, li biha talbet illi (1) l-ewwel sentenza tiġi revokata, u tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tal-illeġit-

timità tal-persuna tal-attur nomine, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu; u (2) it-tieni sentenza tiġi riformata, fis-sens li tiġi revokata fejn ġiet respinta l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni u ġew riġettati t-talbiet magħmulin mill-konvenuta bir-rikors tat-12 ta' Frar 1959, u jiġu minflok milqugħa l-istess eċċezzjoni u l-imsemmija talbiet, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur; tiġi revokata fejn laqgħet l-ewwel domanda tal-attur, u minflok tiġi miċħuda dik it-talba għas-separazzjoni personali, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur; tiġi revokata fejn laqgħet it-tieni domanda u ddikjarat il-konvenuta dekaduta middrittijiet kontemplati fl-art. 56(b) u (d) tal-Kodiċi Ċivili u fl-art. 56(c) mid-data tas-sentenza, u minflok dik it-talba tiġi miċħuda, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur; tiġi revokata fejn ordnat li l-minuri Grace Abela tiġi kollokata fl-Istitut tal-Orsolini, Sliema, u jiġi deċiż fuq it-tielet domanda billi l-kura tal-minuri tiġi affidata lill-appellanti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur; tiġi revokata fejn laqgħet ir-raba' talba tal-attur b'effett mid-data tassentenza, u dik it-talba għax-xoljiment tal-komunjoni talakkwisti tiġi miċħuda, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur; tiġi revokata fejn ordnat li l-ispejjeż tal-ewwel domanda u dawk riżervati bid-deċiżjoni tal-15 ta' Ġunju 1955 tħallashom il-konvenuta, u jiġi deċiż li dawk l-ispejjeż iħallashom l-attur; tiġi revokata fejn ordnat lill-konvenuta tħallas żewġ terzi tal-ispejjeż l-oħra, u jiġi deċiż li dawk l-ispejjeż jitħallsu kollha mill-attur; u tiġi konfermata l-istess sentenza fejn ordnat lill-attur iħallas terz tal-ispejjeż tat-tieni, tielet u r-raba' domanda, u tal-ispejjeż riżervati bid-digriet tal-25 ta' Novembru 1958;

*Omissis;*

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni fuq il-kwistjoni msemmija "infra", u fuqha kkunsidrat;

Fis-seduta tat-22 ta' Mejju 1959 l-appellanti qanqlet il-kwistjoni segwenti, li fuqha l-partijiet talbu li din il-Qorti tagħti deċiżjoni preliminari. Il-kwistjoni hi din;

Kif jidher mill-kopja uffiċjali eżibita fol. 4, l-attur għan-nom ta' ibnu John Abela irrikorra lejn is-Sekond'Awla

tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina għall-awtorizzazzjoni biex jistitwixxi din il-kawża ta' separazzjoni fit-18 ta' Ġunju 1954. Fir-rikors qal illi l-imsemmi John Abela, għall-bżonn tal-familja, kien kostrett li jemigra u mar Detroit, "fejn kien ilu aktar minn sentejn", u illi l-konvenuta kienet irrifjutat bla raġuni li tingħaqad miegħu, u b'hekk ġiet li abbandunatu. L-awtorizzazzjoni mitluba ġiet akkordata mill-Qorti fl-24 ta' Lulju 1954;

Fil-fatt jirriżulta mid-dokument eżibit fol. 5 illi l-imsemmi John Abela kien wasal l-Amerika fit-30 ta' Ottubru 1952; u ma ġiex kontestat illi kien telaq minn Malta ftit ġranet qabel. L-istess John Abela, meta xehed (fol. 98), stqarr illi hu kien wasal l-Amerika f'Ottubru; u għad li ma semmiex is-sena, id-difensur tal-attur ammetta illi John Abela kien telaq minn Malta fil-15 ta' Ottubru tal-1952;

Dan ifisser illi, meta sar ir-rikors għall-awtorizzazzjoni kif intqal fuq, u anki meta din l-awtorizzazzjoni ngħatat, kien għad ma għaddewx sentejn;

Issa, tgħid l-appellanti, ir-raġuni li fuqha ntalbet l-imsemmija awtorizzazzjoni (u anki dik imqegħda bħala kawżali tat-talba fiċ-ċitazzjoni) hija l-abbandun bla raġuni tajba da parti tagħha, u dan l-abbandun, biex jista' skond il-liġi (art. 48 Kodiċi Ċivili) ikun kawża ta' separazzjoni personali, għandu jkun dam mill-anqas għal sentejn. Għalhekk, tikkonkludi l-appellanti, ġa ladarba fiż-żmien tal-awtorizzazzjoni dik il-kawża tas-separazzjoni ma kienetx teżisti, l-istess awtorizzazzjoni hi ineffikaċi, u kwindi l-proċeduri kollha bażati fuqha huma nulli, u dan huwa hekk *non ostanti* li sakemm ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni s-sentejn laħqu għaddew; għaliex il-kawża ta' separazzjoni tibda bil-proċedura preliminari quddiem is-Sekond'Awla. Kieku dik il-Qorti kienet taf illi dak iż-żmien li ġiet adita s-sentejn preskritti mil-liġi kienu għadhom ma għaddewx, l-awtorizzazzjoni ma kienetx tagħtiha, u dan jinvalida l-proċeduri kollha;

Ikkunsidrat;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, din l-obbjezzjoni tal-appel-

lanti ma hix sostenibbli. Huwa veru illi skond il-liġi ebda konjuġi ma jista' jagħmel kawża ta' separazzjoni personali quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kontenzjuża, mingħajr qabel ma jkun ġie awtorizzat mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja. Din l-awtorizzazzjoni hi għalhekk kondizzjoni preliminari essenzjali. "La ragione della disposizione si è di accertare che non vi sia la possibilità della riconciliazione; perchè il legislatore, edotto della gravità e serietà dell'atto tendente alla separazione, pregno di conseguenze ugualmente gravi per la famiglia e per la società civile, richiede che il giudice della Corte di Volontaria Giurisdizione si intrometta tra i due coniugi affinchè colla sua parola autorevole, fondata sulla esperienza e prudenza, possa distoglierli dal grave passo che intendono affrontare" (Vol. XXVIII-I-312);

Iżda f'dan it-tentattiv ta' rikonċiljazzjoni, li dik il-Qorti hekk tagħmel, hi ma tidħolx fil-valutazzjoni jew fissussistenza skond il-liġi tal-motivi addotti bħala raġuni għat-talba. Dan tant hu veru illi l-istess Qorti mhix mogħtija bil-liġi ebda diskrezzjoni għar-rifjut tal-awtorizzazzjoni mitluba. L-art. 44(2) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi illi dik l-awtorizzazzjoni "għandha dejjem tingħata", meta l-kelma tal-Qorti għar-rikonċiljazzjoni ma tiġix mismugħa;

Veru li fil-każ preżenti l-appellat, fir-rikors tiegħu lil dik il-Qorti, indika espressament il-motiv li minħabba fih hu kien qed jitlob l-awtorizzazzjoni, u dak il-motiv, għal dak li hu t-tul taż-żmien rikjest mil-liġi għall-abbandun, kien dak iż-żmien żbaljat. Iżda, għar-raġuni ġa msemmija, ċjoè illi mhix funzjoni ta' dik il-Qorti li tivvaluta jew tistabbilixxi s-sussistenza o meno tal-motivi allegati, l-iżball f'dik l-indikazzjoni ma jneħħix il-fatt illi t-tentattiv ta' rikonċiljazzjoni ġie sperimentat (u dan hu dak li trid il-liġi), u kwindi anqas iġib l-ineffikaċja tal-awtorizzazzjoni mogħtija. Kieku t-teżi tal-appellanti kienet tajba bħala proposizzjoni legali, kien ikollha tapplika għal kull waħda millkawżi tas-separazzjoni kontemplati mill-liġi, ċjoè għalladulterju, għas-servizji, minaċċi u ngurji gravi, eċċ., u mhux biss għall-abbandun. Issa, jidher mill-ewwel illi, meta r-raġuni allegata fir-rikors tkun l-adulterju jew minaċċi eċċ., jista' faċilment jingħata l-każ illi dik ir-raġuni, fl-eżami

magħmul aktar tard quddiem il-Qorti Kontenzjuża, tirriżulta għal kollox insussistenti; b'dan kollu din tkun kwistjoni ta' meritu, u mhux ta' irritwalità tal-proċediment. L-istess ħaġa għandu jingħad meta r-raġuni mogħtija firrikors għall-awtorizzazzjoni tkun l-abbandun;

*Fil-każ preżenti, l-argument tal-appellanti seta' jidher* "prima facie" attraenti, għaliex il-kwistjoni taż-żmien ta' kemm kien ilu msiefer John Abela setgħet tidher bħala sempliċi materja ta' kalkolu dipendenti minn dati faċilment aċċertabbli. Imma anki l-istess komputu tat-tul ta' żmien meħtieġ għall-abbandun jista' f'ħafna każijiet joħloq *kwistjonijiet komplikati*. Terġa, il-materjalità tat-tul taż-żmien weħedha anqas hi biżżejjed, għax jeħtieġ ukoll illi l-abbandun ikun inġust. U anki meta t-tul ta' żmien ta' sentejn ma jkunx jirrikorri, jista' jingħata l-każ illi, ċjò non ostante, l-abbandun għal żmien anqas ikun akkompanjat minn ċirkustanzi oħra ta' gravità li jirrenduħ kawża ġusta ta' separazzjoni taħt titolu ieħor. Dan kollu jidher mill-istess kawża ċitata mill-appellanti, deċiża bis-sentenza (Vol. XXXVII-I-411);

Imma kif intqal, dawn ma humiex kwistjonijiet li tidħol fihom il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja adita għall-awtorizzazzjoni preliminari;

Għalhekk, l-obbjezzjoni sollevata mill-appellanti ma tistax tiġi milqugħa, u l-Qorti lanqas għandha bżonn tikkunsidra u tesprimi ruħha fuq kwistjonijiet oħra, bħal, per eżempju, jekk id-digriet mogħti mis-Sekond'Awla setgħax jiġi mpunjat b'dan il-mod mill-appellanti, jew kellux, inveċe, jiġi talvolta mpunjat bi proċedura oħra (ara Vol. XXXII-I-340, u Vol. XXXV-II-450), jew jekk l-appellanti, li kienet taf sa mill-bidu meta żewġha siefer, u kellha quddiemha, se non altro, id-dok. fol.5 eżibit maċ-ċitazzjoni, setgħetx tħalli l-proċeduri mexjin, u saħansitra jiġu deċiżi b'sentenza fil-meritu mill-Ewwel Qorti, u mbgħad tqajjem din il-kwistjoni (ara Vol. XXIX-II-1009);

Il-Qorti, għaldaqstant, tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni sollevata kif intqal fuq mill-appellanti; bl-ispejjeż kontra tagħha; u tordna li titkompla t-trattazzjoni.